# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 393/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Luke Bonello)

vs

**Gianluca Torres**

iben Vincenzo, imwieled Sqallija fl-10 ta' Frar, 1973, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 18571(A)

Illum, 26 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Gianluca Torres, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar l-24 ta' Lulju, 2012 bejn l-11:30am u s-13:30am minn gewwa l-Millennium Chapel, San Giljan, ikkometta serq ikkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur, ta' flus kontanti liema valur jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-detriment ta' Saviour Grima u/jew ta' nies ohra.

Fl-istess data, hin, lok u circostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta’ Saviour Grima u/jew ta’ nies ohra, fejn l-ammont tal-hsara ma jiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkunsidra lill-hati bhala recidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta’ Lulju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(h), 49, 50, 289, 261(b), 261(c), 261(e), 263(a), 267 u 269(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal perijodu ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Gianluca Torres ipprezentat fit-3 ta’ Awwissu, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li twettaqha fejn huwa nstab hati tal-akkuzi li bihom kien mixli b'dan li t-tieni wahda kienet mezz ghall-fini tal-kummissjoni tar-reat, tvarjaha ghal dak li jirrigwarda l-piena moghtija billi tikkundannah ghal piena aktar idonea minhabba c-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi piena karcerarja daqs dik li nghatat ma kenitx idonea fic-cirkostanzi.

Difatti, mhux biss l-esponent qal il-verita' lill-Patrijiet u lill-Pulizija u, hekk kif kien mixli fil-Qorti, ammetta mal-ewwel l-akkuza migjuba kontrieh talli huwa nnifsu qabad u mar irodd lura l-flus li kien ha billi hass il-kuxjenza tniggzu.

Naturalment ir-reat ta' serq xorta sehh izda bil-maqlub ta' hafna kazijiet ohra fejn ir-refurtiva tintradd lura mill-awtur tas-serq wara li jinqabad, f'dal-kaz kien l-esponent innifsu li rega' mar lura fil-Kappella msemmija biex irodd il-flus lura u hemm inqabad mill-Pulizija.

Illi dan juri kemm ir-raguni li ta biex iwettaq is-serq - dik li ma kellux biex jixtri kulla ghat-tarbija tieghu li waslet biex titwieled - ghandha mis-sewwa u ma kienitx semplici skuza li qabad u ivvinta wara li nqabad.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda l-erogazzjoni tal-piena mill-ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellant hi wahda esagerata. Hu jikkontendi li billi hu ammetta mal-pulizija, kif ukoll mal-Qorti l-piena nflitta kellha tkun wahda nqas harxa. Fil-fatt jirrizulta li hu nqabad mill-pulizija ghaliex mar lura fil-post tad-delitt ghaliex intebah li ghamel hazin u fil-mument li wettaq is-serqa hu kien xurban. Fil-fatt, hu seraq biex jixtri kott ghat-tarbija li kellha titwieled ma ddumx.

Illi meta din il-Qorti fliet l-atti ta' dan l-appell jirrizulta li l-pulizija sabu fuq il-persuna ta' l-appellant is-somma ta' €229.80. Hadd ma seta' jindika x'inhi s-somma li realment insterqet. Fic-cirkostanzi hemm dubju dwar l-ammont misruq u l-ammont misjub ma jagghtix lok ghall-kwalifika tas-serq bil-valur. Ghalhekk, din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dan l-aspett.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata bl-eccezzjoni li tali serq mhuwiex ikkwalifkat bl-aggravju tal-valur u ghalhekk tilliberah minn tali aggravju. Dwar il-piena. Tilqa l-appell ta' Gianluca Torres. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija.